32006D0555

L 218/17 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.8.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Awwissu 2006

## li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-ħut u tal-ħalib fil-Polonja

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3462)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/555/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, l-Latvja, l-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, s-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Anness XII, Kapitolu 6, Taqsima B, Subtaqsima I(1), paragrafu (e) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Polonja ngħatat perjodi tranżizzjonali għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi B [1] ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni 2003 ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/458/KE [2], 2004/471/KE [3], 2004/474/KE [4], 2005/271/KE [5], 2005/591/KE [6], 2005/854/KE [7], 2006/14/KE [8], 2006/196/KE [9] u 2006/404/KE [10].

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Pollakka ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-ħut u tal-ħalib temmew il-proċess tagħhom ta' titjib u issa jinstabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Ċerti stabbilimenti waqqfu l-attivitajiet tagħhom li għalihom kienu kisbu perjodu tranżitorju. Barra minn hekk ċerti stabbilimenti fis-settur tal-ħalib li kienu permessi li jipproċessaw ħalib konformi u ħalib li mhuwiex konformi ma' l-UE se jipproċessaw biss ħalib konformi ma' l-UE. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Awwissu 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 1392.
[2] ĠU L 156, 30.4.2004, p. 53. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 202, 7.6.2004, p. 39.
[3] ĠU L 160, 30.4.2004, p. 56. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 31.
[4] ĠU L 160, 30.4.2004, p. 73. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 44.
[5] ĠU L 86, 5.4.2005, p. 13.
[6] ĠU L 200, 30.7.2005, p. 96.
[7] ĠU L 316, 2.12.2005, p. 17.
[8] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 66.
[9] ĠU L 70, 9.3.2006, p. 80.
[10] ĠU L 156, 9.6.2006, p. 16.

*ANNESS*

**Lista ta' stabbilimenti li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003**

**Stabbilimenti tal-laħam**

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 6 | 02260202 | Zakład Mięsny "NALPOL" |
| 23 | 06110206 | Zakład Mięsny<br>"Wierzejki"<br>Jan i Marek Zdanowscy |
| 29 | 08610305 | Masarnia Podmiejska Sp. j. |
| 65 | 12620313 | Zakład Masarski "ZDRÓJ" s.j. |
| 133 | 20140101 | MIĘSROL – Ubojnia Bydła, Trzody R. Tocicki |
| 138 | 20060206 | PPHU "LEMIR" |
| 140 | 22020207 | Zakład Przetwórstwa Mięsnego Jan Wnuk – Lipiński |
| 189 | 26070201 | Zakład Przetwórstwa<br>Mięsnego "MARKUZ" – Marian Kuzka |
| 205 | 30070209 | PPH "BARTEX" Sp. j.<br>ZPChr R. G. Brońś |
| 215 | 30120317 | PW Domak Dariusz Rozum |
| 235 | 30250102 | Rzez'nictwo M. i M. Wędliniarstwo<br>Matuszak |
| 240 | 30280205 | Masarnia Ubojnia<br>BRONEX Łukaszewska i Królczyk Sp. j. |
| 242 | 30280301 | PPH ROMEX, Grażyna Pachela, Masarnia |
| 249 | 32050203 | Masarnia Wiejska "Dyjak" |
| 254 | 32080201 | Rzeźnictwo<br>Wędliniarstwo Rybarkiewicz Mirosław |

**Il-laħam tat-tjur ta' l-irziezet**

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 35 | 24020605 | Chłodnie Składowe<br>"Delico" S.C. |
| 52 | 32050501 | Zakład Drobiarski<br>"Kardrob"<br>Krystyna Skierska |

**L-istabbilimenti b'kapaċità baxxa ta' laħam aħmar**

*Lista inizjali*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 5 | | Zakład Przetwórstwa Mięsa<br>w Paczkowie PPH<br>"Kalmar" spółka jawna E.A.M. Kaleta.;<br>Szczodrowice 65; 57-140 Biały Kościół; ul. AK 40, 48-370 Paczków |

**Settur tal-ħut**

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 17 | 22121821 | "Szprot" s.c. R. Giedryś i K. Krzymuski |

**Is-settur tal-ħalib**

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 6 | 02201611 | OSM Trzebnica |
| 8 | 04041603 | ZM w Brzozowie, Brzozowo |
| 18 | 08611601 | OSM Gorzów Wlkp. |
| 32 | 10021602 | OSM "Proszkownia" |
| 41 | 12111602 | ZPJ "Magda" |
| 43 | 12171601 | Podhalańska SM w Zakopanem |
| 87 | 28071602 | SM w Lubawie, Zakład Produkcyjny w Iławie |
| 91 | 30031601 | Rolnicza SM "Rolmlecz" Zakład Mleczarski w Gnieźnie |
| 95 | 30111603 | "Champion" Sp. z o.o |

**Stabbilimenti permessi li jipproċessaw ħalib konformi u mhux konformi ma' l-UE**

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 2 | B1 20021601 | SM Łapy |
| 7 | A 20101601 | "Polser" Sp. z o.o |
| 18 | B1 14201603 | OSM Raciąż |
| 21 | B1 20051601 | OSM Hajnówka |
| 30 | B1 20631601 | SM "Sudowia" w Suwałkach |
| 47 | B1 14361601 | RSM "Rolmlecz" |